# Il-Papa Ljun XIII
## *Mitt sena minn mewtu*

Din is-sena il-Knisja Kattolika qiegħda tfakkar il-mitt sena mill-mewt tal-Papa Ljun XIII. Huwa twieled F'Carpineto, f'Romano, ftit bogħod mill-belt ta' Ruma, nhar it-2 ta' Marzu 1810. Huwa kien wild in-Nobbli Ludovico Pecci u Ann Prosperi. Fil-magħmudija ġie mogħti l'isem ta' Gioccchino Vincenzo.

Fil-bidu ta' tfulitu, daħħluħ fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti ġewwa Viterbo u fl'eta ta' erbatax il-sena ġie mogħti l-abitu Klerika. Kien f'dak iż-żmien li huwa beda l-istudju tiegħu fil-Collegio Romano sas-sena 1835 fejn kellu jistudja fl' Accademia dei Nobili Ecclesiastici. Huwa irċieva l-ordinazzjoni saċerdotali fil-31 ta' Diċembru 1837 Fl-istess sena Iġifieri fl-1837 huwa ġie nnominat Prelat Domestiku. Mons Pecci beda sensiela ta' ħatriet meta l-Papa Gregorju XVI (1834 - 1846) ħatru delegat tal-provinċja ta' Benvento. Fl-1843 huwa sar Arċisqof ta' Damietta u Nunzju għal Belġju. Fis-sena 1846 huwa sar Arċisqof ta' Peruġja. Meta fis-sena 1853 laħaq beatu il-Papa Piju IX (1846 - 1878) huwa ġie innominat Kardinal. Huwa ġie imbagħad inkurunat Papa fit-3 ta' Marzu 1878 fil-Kappella Sistina.




Fiż-żmien tigħu bħala Papa Ljun XIII, huwa waqaf xejn anqas minn 248 il-djoċesi ġdida. Huwa magħruf ukoll għal numru kbir ta' enċikliki li kiteb. L'ewwel fost dawn l-enċikliki hija Quod Apostolici Muneris fis-sena 1878 li kienet titratta fuq soċjailżmu. Fost enċikliki oħra magħrufa insibu Libertas Humana li hu kiteb fis-sena 1888. Din tittratta dwar in-natura tal-liberta umana. Huwa kiteb ukoll l-enċiklika Rerum Novarum li tittratta fuq il-kundizzjoni tal-klassi tal-ħaddiema f'dawk iż-żminijiet.

Il-Papa Ljun XII huwa marbut sewwa mal-istorja ta' Beltna. Fis-27 ta' Novembru 1888 huwa ħareġ digriet li bih hu għolla lil parroċċa tagħna għad-dinjita arċipretali. Dan sar bħala sinjal ta' gratitudni għax-xogħol siewi li kien sar mill-kleru taż-Żejtun fis-sena 1887 waqt li f'pajjiżna kien hawn il-marda tal-Kolera. Dan id-digriet ġie imxandar mill-kurja ta' malta fit-30 ta' jannar 1889.

Kien l-istess Papa li fit-8 ta' Diċembru 1888 żejjen lill-Kappella tal-madonna tal-Bon Kunsill bit-titlu ta' Bażilka u għaqqadha mal-Bażilka ta' San Ġwann Lateran f'Ruma.

Kien ukoll l'istess Papa li fis-sena 1898 żejjen bl'indulġenzi lis-salib li għandna fil-pjazza tagħna.

Il-Papa Ljun XIII miet nhar l-20 ta' Lulju 1903 fl'eta ta' 94 sena.

***Paul Zammit***